**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Lulju, 2017**

**Mandat Nru: 882/2017/1 AF**

**David Borg**

**vs**

**Ogygia Enterprises Limited (C-10729)**

**U**

**T & C Ciappara Construction Company Limited (C-18213)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' David Borg li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jkomplu ghaddejjin bix-xogholijiet ta' kostruzzjoni, tqattih ta' blat, finishes jew kwalunkwe xoghol iehor li sal-lum ghadu qieghed isir mill-intimati fuq il-proprjetà taghhom gewwa Triq l-Irmigg, l-Imsida u liema xogholijiet qed isiru adjacenti ghall-proprjetà tal-esponenti u cioè l-plot numru 28, tal-kejl ta' cirka 184.43 metri kwadri, fl-art maghrufa bhala tal-Gheriebel konfinanti din il-plot mill-Majjistral ma' Triq l-Irmigg, mill-Grigal

mal-plot numru 29 u mill-Lbic mal-plot numru 27 jew irjieh aktar precizi jew verjuri kif deskritta fil-kuntratt tal-akkwist ta' dina l-plot da parti tar-rikorrenti u ppubblikat minn Nutar Carmel Gafà u skond il-pjanta annessa mal-istess kuntratt li t-tnejn qeghdin jigu hawn esebiti bhala Dokument A.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati Ogygia Enterprises Limited u T & C Ciappara Constructions Company Limited.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Alan Saliba minnha nkarigat. Semghet lill-istess perit jixhed viva voce.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-*

*jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005).

Fil-kaz in ezami ir-rikorrenti qeghdin jallegaw invazjoni fuq l-art taghhom minn kostruzzjoni tal-intimati li qeghda ssir fuq sit kontigwu.

Il-perit tekniku nkarigat mill-Qorti, wara li acceda fuq il-post u ezamina d-dokumenti, senjatament il-pjanti annessi mal-kuntratti ta' akkwist rispettivi, ikkonkluda illi jezistu diskrepanzi konsiderevoli bejn dak li effettivament akkwista r-rikorrenti u dak li issa qieghed jippretendi li ghandu. Il-perit ikkostata inoltre illi l-kostruzzjoni tal-intimati m'hijiex qeghda tinvadi fuq il-plot tar-rikorrenti. Is-socjetajiet intimati jidhru li mhux qeghdin joltrepassaw dak li fil-fatt akkwistaw.

Ghaldaqstant, galadarba r-rikorrenti naqas milli jissodisfa wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, din il-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tikkonsidra l-irrimedjabilità o meno tas-sitwazzjoni.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka "contrario imperio" d-digriet taghha tal-14 ta' Gunju 2017 u tichad definittivament it-talba kontenuta fir-rikors li jgib l-istess data.

L-ispejjez jithallsu minn David Borg.

IMHALLEF